Kunsill Lokali **SAN PAWL IL-BAĦAR** Local Council

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 25 – IL-ĦAMIS, 5 TA' JANNAR 2017**

**Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-18:02 sat-20:05.**

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | **Graziella Galea** | **Sindku** |
| | **Alfred Grima** | **Kunsillier** |
| | **Raymond Tabone** | **Kunsillier** |
| | **Paul Bugeja** | **Kunsillier** |
| | **Stephen Cremona** | **Kunsillier** |
| | **Joseph Vella** | **Kunsillier** |
| | **Antoinette Bezzina** | **Kunsillier** |
| | **Daniel Grima** | **Kunsillier (18:15)** |
| | **Mandy Buhagiar** | **Kunsillier (18:10)** |
| | **Malcolm Agius** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Assenti b'Apoloġija:** | **David Thake** | **Kunsillier (raġunijiet familjari)** |
| | **Anne Fenech** | **Kunsillier (raġunijiet ta' saħħa)** |
| | **Simone Aquilina** | **Chairperson KAB (raġunijiet ta' saħħa)** |
| **Assenti:** | **Matthew Barbara** | **Kunsillier** |
| | **Robert Piscopo** | **Kunsillier** |

**Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.**

1. APOLOĠIJI

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsillier Fenech infurmatu li ma setgħetx tattendi. Aktar tard il-Viċi Sindku informa li ma jistax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet familjari ta' saħħa.

2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Emenda għal punti 3.3 u 3.4 fejn intalab li jitniżżel l-isem tal-kunsillier minħabba li fil-kunsill hemm żewġ kunsilliera bil-kunjom Grima. Għalhekk fejn hemm 'il-kunsillier Grima' f'punt 3.3 issa jkun jaqra 'il-kunsillier D. Grima' u f'punt 3.4 'il-kunsillier A. Grima'.

2.2. Emenda għal punt 4.5 fejn għandha tiġi rranġata l-kelma propjeta' peress li miktuba ħażin fl-istess sentenza.

2.3. Emenda għal punt 5.3, is-Sindku ipproponiet li fl-aħħar tas-sentenza jiżdied : 'u jintbagħtu l-kummenti'. Il-kunsill qabel.

2.4. Emenda għal punt 8.5, il-kunsillier Bugeja ippropona li t-tieni sentenza tkun taqra kif ġej: 'Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Bugeja kien hemm qbil li jsir drink bejn il-kunsilliera u l-ħaddiema, u kien hemm qbil dwar dan.

2.5. Dwar punt 10.4, il-kunsillier A. Grima talab li jitniżżlu l-ismijiet ta' kif ivvutaw il-kunsilliera. Is-Sindku tipproponi li jitniżżlu wkoll l-ismijiet ta' kif ivvutaw il-kunsilliera anke f'punt 9.2. Il-kunsill qabel.

2.6. Il-minuti ġew approvati hekk kif emendati.

3. PUNTI MILL-MINUTI

3.1. Dwar punt 4.2, il-kunsilliier Vella qal li l-applikazzjoni sottomessa minn Malta ma ġietx approvata u li ser ser terġa' tiġi sottomessa l-applikazzjoni b'xi emendi mill-Polonja.

3.2. Fis-18:10 waslet il-Kunsillier Buhagiar

3.3. Dwar punt 4.6, il-Kunsill prova jaċċessa s-sistema tal-eapps biex ikollna l-pjanti iżda ma kienx possibli minħabba xi xogħol li qed isir fuq il-website tal-Awtorita'. Għalhekk ser niktbu lill-Awtorita' biex ikollna kopja ta' dawn il-pjanti.

3.4. Dwar 5.3 u 5.4, intqal li kienu preżenti għaż-żewġ laqgħat is-Sindku, il-kunsilliera Bugeja u Cremona, u s-Segretarju Eżekuttiv. Dwar ta' 5.3, issemmew erba' punti prinċipali: l-impatt tat-traffiku, il-faċilitajiet ta' parkeġġ, il-problema tad-drenaġġ, u l-irmiġġ tad-dgħajjes.

3.5. Fis-18:15 wasal il-Kunsillier D. Grima.

3.6. Dwar punt 5.7 ser issir laqgħa ma' l-Avukat biex jiġi rivedut dan il-ftehim.

3.7. Dwar punt 5.8, il-kunsillier Bugeja staqsa jekk ingħatax ir-rendikont u s-Sindku qalet li r-rendikont kien ingħata u gie ipprezentat fil-laqgħa tal-Kunsill, probabbilment meta l-kunsillier Bugeja kien imsiefer.

3.8. Dwar punt 8.2 intqal li l-attivita' li kellha ssir fil-Qawra fit-18 ta' Diċembru ġiet trasferita għat-30 ta' Diċembru minħabba l-maltemp. Intqal ukoll li l-*Christmas Village* li ġie organizzat bejn il-21 u t-23 ta' Diċembru fil-ġnien ta' Triq Parades kien organizzat tajjeb u l-ambjent li gie mahluq apposta ghal din l-attivita' kien sabiħ. Flimkien mal-Kumitat tal-Festa San Pawl il-Baħar inkisru wkoll żewġ rekords nazzjonali. Is-Sindku rringrazzjat lil kull min ta s-sehem tiegħu sabiex dawn l-attivitajiet setgħu jittellgħu u qalet li għas-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jaħdem sabiex l-attendenza tkun wahda aħjar.

3.9. Dwar id-dwal tal-Milied, il-kunsillier Bugeja qal li jrid jinħaseb pjan ta' kif jinxtara dawl dejjem ġdid u jkun hemm persuna mpjegata li matul is-sena jsewwi d-dwal li jkun hemm bi ħsarat fihom. Il-kunsillier A. Grima ssuġġerixxa li dan jiġi diskuss waqt laqgħa tal-kunsill fejn kulħadd ikun jista' jressaq is-suġġerimenti tiegħu.

3.10. Dwar punt 8.4, il-Kunsillier Bezzina qalet lil-attivita' marret tajjeb u l-attendenza kienet tajba.

3.11. Fis-18:28 intbagħat messaġġ mill-Viċi Sindku li ma setax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet familjari ta' saħħa.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

4.1. Is-Sindku qalet li ġiet imnedija app dwar ix-Xemxija Heritage Trail fis-6 ta' Diċembru, 2016. Irringrazzjat lil min ħadem sabiex din l-app setgħet issir. Spjegat li issa kulħadd jista' jkollu aċċess mill-mobile tiegħu għal mappa, informazzjoni u stampi relatati ma' dan is-sit.

4.2. Korrispondenza mingħand Funding Support rigward fondi mill-EAFRD dwar proġetti permezz tal-miżura 4.4 li jinkludu tranġar ta' ħitan tas-sejjieħ. Is-Sindku qalet li dawk il-kunsilliera li għandhom proposti għal din il-miżura għandhom jinfurmaw lill-Kunsill sabiex inkunu nistgħu nagħmlul-proposti tagħna u jekk ikun possibli nissotomettu applikazzjoni.

4.3. Korrispondenza mingħand il-MEUSAC rigward fondi mill-ERDF dwar proġetti permezz ta' priority Axis 4 u 5.

4.4. Is-Sindku qalet li rċevejna wkoll korrispondenza mingħand il-MEUSAC rigward il-programm Erasmus+. Intbagħtet il-korrispondenza lill-kusillier Vella responsabbli miż-żgħażagħ.

4.5. Korrispondenza minn Fondazzjoni Paulus li qed jipproponu attivita' f'kollaborazzjoni bejn San Pawl il-Baħar u r-Rabat. Il-Kunsill qabel li nipparteċipaw.

4.6. Is-Sindku qrat korrispndenza mill-fondazzjoni Valletta 2018 dwar proposta li fiha jixtiequ jinvolvu lill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar bit-titlu '*Subjective Maps Project*'. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-eżitu ta' laqgħa li kellu dwar dan fejn rappreżentanti tal-fondazzjoni spjegaw biss l-idea li joħolqu mappa tal-lokalita' bis-sehem tar-residenti bil-lokazzjonijiet li r-residenti jiffrekwentaw fil-ħajja ta' kuljum fil-lokalita' tagħhom.

4.7. Is-Sindku semmiet proposti dwar l-attivitajiet tal-Karnival ussuġġerixxiet li jinħoloq sotto kumitat dwar l-attivitajiet għax-xhur ta' Frar u Marzu li jinkludu l-attivitajiet marbuta mat-torriWignacourt, il-karnival tax-xitwa, u l-festa ta' San Pawl tax-xitwa. Il-Kunsill qabel li jittellgħu l-attivitajiet tat-torri Wignacourt tal-karnival tax-xiwa. Is-Sindku staqsiet jekk hemmx min hu nteressat li jkun fis-sotto kumitat. Il-kunsillier Vella kien interessat. ġie deċiż li dan ikun kompost mis-Sindku, il-kunsilliera Vella u Fenech.

4.8. Korrispondenza mill-Polish Saturday School fejn talbu spazju biex joħolqu librerija li tkun miftuħa għall-pubbliku. Is-Sindku tissuġġerixxi li l-Kunsill jislef waħda mill-kmamar ta' Burmarrad. Importanti li l-kamra ma' tintużax għal attivita' politika jew reliġjuża.

4.9. Dwar PA 7171/16 – sit fi Triq Għawdex kantuniera ma' Triq it-Turisti għal żvilupp ta' kjosk. Issemmew diversi punti ghala l-Kunsill ghandu joggezzjona ghal din l-applikazzjoni. Diversi kunsilliera talbu aktar informazzjoni iżda l-Kunsill ma kellux aċċess għall-pjanti minħabba li s-sistema tal-MEPA ma kinitx qed taħdem. Is-Sindku proponiet li noġġezjonaw minħabba li kien wasal biex jagħlaq iż-żmien biex jitressqu oġġezzjonijiet, liema deċiżjoni tista' tiġi riveduta jekk il-Kunsill jiddeċiedi mod ieħor meta jkollna aktar informazzjoni.

5. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI

**5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti.**

**5.2. Dwar pagament numru 5, ġie ċċarat li dan huwa Tender.**

**5.3. Pagament numru 7 għandu jkun DA.**

**5.4. Dwar pagament numru 25 ġie mistoqsi kemm ħa ħin dan il-jetting bowser. Ġie spjegat li dan il-ħlas sar għal jetting bowser bis-servizz tal-kamera. Ġie ikkonfermat li hemm ħsarat fil-katusi li probabbli ġew ikkawżati mix-xogħlijiet tal-bankina li hemm qrib il-latrina ta' Parades. Ġie suġġerit li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tad-Dipartiment tax-xogħlijiet f'dan il-każ.**

**5.5. Dwar pagamenti 31 u 31a ġie spjegat li dan is-servizz intalab darba biex jiġi estratt filmat mitlub mill-Pulizija u darb' oħra biex l-istaff jintwera kif titħaddem is-sistema tas-CCTV u jiġi estratt xi filmat.**

**5.6. Pagament numru 32 għandu jkun 'T' u mhux 'DA'**

**5.7. Dwar pagament numru 43, il-kunsillier A. Grima jistaqsi fejn twaħħlet il-mera u x'daqs kienet. Ġie kkonfermat li l-mirja kienu tnejn tad-daqs ta' 60 ċentimetru u twaħħlu fi Triq il-Fekruna. Il-kunsillier A. Grima jiġbed l-attenzjoni li l-prezz huwa aktar għoli minn ta' kuntratturi oħra.**

**5.8. Dwar pagament numru 43a, il-kunsillier A. Grima wkoll jiġbed l-attenzjoni li l-prezz huwa aktar għoli minn ta' kuntratturi oħra u jistaqsi kemm –il kilo żebgħa nxtara b'dan il-prezz. Ġie kkonfermat li nxtraw tletin (30) kilo żebgħa.**

**5.9. Dwar pagament 4.6 kien hemm qbil li d-deskrizzjoni tinbidel minn *speed ticket* għal *speed camera handling fee*.**

**5.10. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata wara li ttieħed vot: Is-Sindku, il-kunsilliera Vella, D. Grima, u Bezzina vvutaw favur, il-kunsilliera A. Grima, Tabone, u Buhagiar ivvutaw kontra, filwaqt li l-kunsilliera Cremona u Bugeja astjenew.**

6. IL-ĦIDMA TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BURMARRAD

**6.1. Is-Sindku qrat korrispondenza mingħand Simone Aquilina, tal-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad li fiha tinforma li hija indisposta minħabba raġunijiet ta' saħħa, u li m'għandha xejn aktar xi żżid ma' dak li diġa qalet f'korrispondeza preċedenti fejn tat ir-raġunijiet li għalihom il-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad ma kinux qieghdin isiru.**

6.2. Il-kunsillier A. Grima ġibed l-attenzjoni li din hija t-tielet darba konsekuttiva li dan il-punt qed jitressaq fuq l-Agenda u li Simone Aquilina ma tattendix biex tagħti spjegazzjoni.

6.3. Il-kunsillier A. Grima talab li jressaq mozzjoni biex il-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad jiġi xolt. Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-kunsillier Tabone.

6.4. Is-Sindku tgħid li l-Kunsill kien diġa talab biex żewġ membri tal-Kumitat Amministrattiv li ma jattendux għal-laqgħat jiġu mibdula u tipproponi li terġa' ssir din it-talba.

6.5. Il-kunsillier Bugeja ippropona li għandna naraw x'soluzzjoni tista' tinstab sabiex dan il-Kumitat jerġa' ibda jiffunzjona.

6.6. Is-Sindku talbet li tissospendi l-laqgħa għal ħames minuti. Il-kunsillier A. Grima ma qabilx li l-laqgħa tiġi sospiża ladarba ntalab vot.

6.7. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista qamu minn madwar il-mejda. Il-kunsillier A. Grima f'isem il-kunsilliera tal-Partit Laburista informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jistennew għal ħames minuti skond kif talbet is-Sindku.

6.8. Wara li għaddew il-ħames minuti, il-kunsillier A. Grima talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex isejjaħ lura lill-kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista.

6.9. Meta l-kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista reġgħu kienu madwar il-mejda, is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm mozzjoni bil-miktub dwar il-proposta tal-Kunsillier A.Grima qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma kienx hemm.

6.10. Is-Sindku talbet li l-Kunsill jitlob id-direzzjoni tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-mozzjoni.

6.11. Il-kunsilliera tal-Partit Laburista ma qablux ma' din it-talba u qamu minn madwar il-mejda.

## 7. TMIEM IL-LAQGĦA

7.1. Il-laqgħa ntemmet fit-20:05 minħabba nuqqas ta' quorum..

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Graziella Galea**<br>**Sindku** | **Malcolm Agius**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |